Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,972, 21 ta' Lulju, 2000
Taqsima B

A.L. 125 ta' l-2000

ATT TA' L-1994 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA (ATT NRU. XVIII TA' L-1994)

Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Formula tal-Prospetti tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Soċjetajiet, Entijiet u Korpi ta' Persuni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 57 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dawn ir-regoli jistgħu jissejħu r-Regoli ta' l-2000 li jemendaw ir-Regoli dwar il-Formula tal-Prospetti tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Soċjetajiet, Entijiet u Korpi ta' Persuni u għandhom jinqraw u jiftehmu bħala ħaġa waħda mar-Regoli ta' l-1995 dwar il-Formula tal-Prospetti tat-Taxxa fuq l-*Income* għal Soċjetajiet, Entijiet u Korpi ta' Persuni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regoli prinċipali". A.L. 2 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regoli għandhom jibdew iseħħu mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-gazzetta għar-rigward tas-sena ta' stima li tibda fl-1 ta' Jannar, 2000 u tas-snin ta' stima li jiġu wara.

Temenda l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

2. Minflok il-Formula T.A. 5 li hemm fl-Ewwel Skeda, T.A. 36 li hemm fit-Tieni Skeda u T.A. 37 li hemm fit-Tielet Skeda li jinsabu mar-regoli prinċipali għandhom jidħlu l-formuli li hemm fl-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Skeda li jinsabu ma' dawn ir-regoli.

(Regola 2)

SKEDI

L-EWWEL SKEDA

TR
TA5

Taxxi Interni - Malta

Formola tat-Taxxa fuq l-*Income*

f'isem soċjetà [barra minn soċjetà "in akkomandita" jew "anonima"], sew jekk residenti f'Malta jew le

għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1999 (Sena ta' stima 2000)

Imla biss jekk id-dettalji stampati mhumiex korretti

Nru. ta' l-ID/Riferenza

Nru. tal-Vat

Isem

Numru/Isem tad-Dar

Triq

Belt/Raħal

Kodiċi Postali

Pajjiż

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar it-Taxxi inti hawn mitlub tagħti fuq din il-formola dikjarazzjoni vera u korretta ta' l-*income* u l-qligħ kapitali tas-Soċjetà għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999. Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat sabiex jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2000.

2. Għandu jiġi nkluż l-*income* u l-qligħ kapitali kollu ta' soċjetà residenti li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk wasal Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.

3. Għandu jiġi nkluż l-*income* u l-qligħ kapitali kollu ta' soċjetà mhux residenti li jkun dovut jew derivat minn Malta u sew jekk riċevut Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.

4. Ebda taqsima ta' dan il-prospett ma għandha titħalla vojta. Fejn ma jkun hemm xejn x'jiġi rrapportat, il-kelma "Xejn" għandha tinkiteb fl-ispazju relattiv.

5. Għandek tibgħat ma' dan il-prospett kopja tal-Kont tal-Profitt u Telf u tal-*Balance Sheet*

6. Dan il-prospett għandu jimtela mis-soċju ewlieni tas-soċjetà. Is-soċju ewlieni huwa s-soċju illi fost is-soċji residenti f'Malta:

   (i) huwa l-ewwel wieħed imsemmi fil-ftehim tas-soċjetà; jew
   (ii) huwa soċju attiv ewlieni jekk s-soċju msemmi bħala ewlieni ma jkunx soċju attiv.
   Meta ebda soċju m'hu residenti f'Malta, il-prospett għandu jiġi sottomess mill-mandatarju, aġent, *manager* jew deputat tas-soċjetà residenti f'Malta.

7. Din il-formola, mimlija kif suppost u ffirmata, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha, tkun meqjusa li hija l-prospett li għandu jintbagħat għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxi.

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Dikjarazzjoni

Jiena, (isem shih) _____ hawn niddikjara li din il-formola fiha prospett veru u korrett tad-dettalji meħtieġa dwar l-*income* u l-qligħ kapitali tas-Soċjetà _____ imwaqqfa bi ftehim ta' l- _____ (niżżel id-data)

għas-sena ta' stima 2000.

_____

Il-kontroll, *management* u amministrazzjoni ta' l-imsemmija soċjetà huma eżerċitati f' _____

(aghti l-indirizz shih). _____

_____

L-attività prinċipali eżerċitata minn din is-soċjetà hija: _____

Firma ta' min jagħmel il-prospett _____

Kariga _____

Din il-formola tat-taxxa għandha tasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sat-30 ta' Ġunju, 2000.

Dipartiment tat-Taxxi Interni - Malta

Dikjarazzjoni tad-Dħul u l-Qligħ Kapitali tas-Soċjetà

		Lm
① Qligħ jew profitt minn sengħa, negozju, professjoni jew vokazzjoni	1	
② Dħul ieħor	2	
③ Qligħ Kapitali	3	
④ **Total tad-Dħul u Qligħ Kapitali**	4	
		(għodd il-kaxex 1 se 3)

Tnaqqis permess mil-liġi li dwaru ma sar l-ebda tnaqqis aktar 'l fuq

⑤ **Imgħax pagabbli fuq kapital użat fil-produzzjoni ta' l-*income*** 5

Kreditur	Ammont ta' Self	Rata ta' Imgħax	Garanzija	Skop

⑥ Tnaqqis ieħor	6	
⑦ **Total tat-Tnaqqis** (għodd il-kaxex 5 u 6)	7	
⑧ **Dħul Nett li se jinqasam bejn is-soċji**	8	
		(Neqqas kaxxa 7 mill-kaxxa 4)

Tqassim tad-Dhul u Qligħ Kapitali bejn is-soċji

Ismijiet tas-Soċji u Nru. ta' l-*Income Tax* tas-Soċji	Indirizz tar-residenza privata permanenti tas-Soċji	Dettalji dwar Tqassim ta' Profitti			Bażi ta' Tqassim tal-Bilanċ (Sehem Frazzjonali jew Bażi Oħra)
		Salarju Lm	Imgħax fuq Kapitali Lm	Sehem tal-Bilanċ Lm	

IT-TIENI SKEDA

TR
TA36

Taxxi Interni - Malta

Formola tat-Taxxa fuq l-*Income* u *Self Assessment*

f'isem entità (artikolu 30)

għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1999 (Sena ta' stima 2000)

Imla biss jekk id-dettalji stampati mhumiex korretti

Nru. ta' I-ID/Riferenza

Nru. tal-Vat

Isem

Numru/Isem tad-Dar

Triq

Belt/Raħal

Kodiċi Postali

Pajjiż

1. Inti mitlub biex tagħti f'din il-formola dikjarazzjoni vera u korretta ta' l-*income* u l-qligħ kapitali tal-korp ta' l-entità imsemmija hawn fuq għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999. Din il-formola għandha timtela u tintbagħat sabiex tasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2000.
2. Għandhom jiġu nklużi l-*income* u l-qligħ kapitali kollu ta' entità residenti li jkunu dovuti jew derivati f'Malta jew band'oħra, sew jekk waslu Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.
3. Għandhom jiġu nklużi l-*income* u l-qligħ kapitali kollu ta' entità li mhix residenti li jkunu dovuti jew derivati f'Malta, sew jekk waslu Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.
4. L-*income* u l-qligħ kapitali dikjarat għandhom jinkludu dak l-*income* li jkun dovut jew derivat minn kull istituzzjoni, *trust*, fondazzjoni, tħollija *(bequest)* jew organizzazzjoni oħra jew korp ta' persuni iehor bħal dawn, li jkunu assoċjati jew marbutin ma', jew jagħmlu parti mill-entità.
5. Fil-każ ta' komunità ekkleżjastika, l-*income* u l-qligħ kapitali dikjarat għandhom jinkludu dak l-*income* u l-qligħ kapitali personali tal-membri individwali tagħha li jkunu wkoll taxxabbli f'idejn il-komunità skond l-artikolu 30.
6. Għandhom jingħataw id-dettalji kollha ta' l-*income* u l-qligħ kapitali dikjarati u tat-tnaqqis deducibbli. Ehmez ukoll kopja tal-*financial statements* ta' l-entità.
7. Din il-formola, mimlija kif suppost u ffirmata, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha u l-pagamenti ta' xi taxxa dovuta għas-sena bażi 1999 tigi meqjusa li hija l-prospett u *self assessment* li għandek tibgħat għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Dettalji dwar l-entità

a) Tip ta' entità: Ordni Reliġjuż ☐ Parroċċa ☐ Oħrajn ☐ (immarka fejn japplika)

b) Persuna responsabbli minn din il-formola:
Isem (Ittri Kbar)
Indirizz ta' l-uffiċċju
Nru. tat-Telefon Fax

c) Jekk l-*income* u l-qligħ kapitali dikjarat jinkludu *income* dovut jew derivat minn xi istituzzjoni, *trust*, fondazzjoni, tħollija jew organizzazzjoni oħra jew korp ta' persuni iehor bħal dawn, li jkunu assoċjati jew marbutin ma' jew jagħmlu parti mill-entità, niżżel l-isem tagħhom:

(i) (iv)
(ii) (v)
(iii) (vi)

d) Numru ta' individwi li huma membri tal-komunità ekkleżjastika u li dwarhom qieghed isir tnaqqis fis-*self assessment*. Ehmeż lista bl-ismijiet u n-numri tal karta ta' l-identità ta' dawk l-individwi li kienu membri tal-komunità fil-31 ta' Diċembru, 1999. ▶ ☐

Dikjarazzjoni

Jien, (isem sħiħ)_____ hawn niddikjara li:

a) din il-formola tat-taxxa u *self assessment* hija magħmula f'isem _____

b) din il-formola fiha prospett sħiħ, veru u eżatt tad-dettalji kollha mehtieġa ta' l-*income*, il-qligħ kapitali u t-tnaqqis deducibbli għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1999.

Firma _____ Kariga _____ Data _____

Din il-formola tat-taxxa u self assessment għandha tasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sat-30 ta' Ġunju, 2000.

Dipartiment tat-Taxxi Interni - Malta

Komputazzjoni tat-Taxxa

Imla Bażi 1 u Bażi 2

Dhul — Bażi 1		Lm
(1) Sengħa jew Negozju (Telf minn sengħa jew negozju ma jistax jitnaqqas kontra dħul minn sorsi oħra jew jiġi *carried forward* għas-snin ta' wara)	1	
(2) Dħul tal-membri tal-Komunità (mhux aktar minn Lm1000 kull membru, kemm -il darba jkun registrat għal rasu għal skopijiet ta' taxxa)	2	
(3) Dividendi lokali	3	
(4) Imgħax lokali	4	
(5) Dividendi barranin	5	
(6) Imgħax barrani	6	
(7) Kera, *royalties*, eċċ	7	
(8) Dħul ta' organizzazzjonijiet assoċjati	8	
(9) Qligħ kapitali	9	
(10) Dħul ieħor mhux inkluż aktar 'l fuq f'dan il-prospett	10	
(11) Totali tad-Dħul	11	

Dhul — Bażi 2		Lm
(2a) Dħul tal-membri tal-Komunità (mhux aktar minn Lm1000 kull membru, kemm -il darba jkun registrat għal rasu għal skopijiet ta' taxxa)	2a	
(3a) Dividendi lokali	3a	
(4a) Imgħax lokali	4a	
(5a) Dividendi barranin	5a	
(6a) Imgħax barrani	6a	
(7a) Kera, *royalties*, eċċ	7a	
(8a) Dħul ta' organizzazzjonijiet assoċjati	8a	
(11a) Totali tad-Dħul	11a	

Tnaqqis Deduċibbli		
(12) Spejjeż (li jkunu servew kollha u biss fil-produzzjoni tad-dħul dikjarat fil-kaxxa numru 1)	12	
(13) Lm1000 x (Nru. ta' membri)	13	
(14) Pżijiet	14	
(15) Ċnus	15	
(16) Tnaqqis ieħor ta' 20% fuq kera	16	
(17) Tnaqqis ieħor li dwaru ma sar l-ebda tnaqqis aktar 'l fuq	17	
(18) Totali tat-Tnaqqis Deduċibbli	18	
(19) Totali tad-Dħul Taxxabbli (Naqqas l-ammont fil-kaxxa 18 minn dak fil-kaxxa 11)	19	

Tnaqqis Deduċibbli		
(13a) Lm1000 x (Nru. ta' membri)	13a	
(14a) Pżijiet	14a	
(15a) Ċnus	15a	
(18a) Totali tat-Tnaqqis Deduċibbli	18a	
(19a) Totali tad-Dħul Taxxabbli (Naqqas l-ammont fil-kaxxa 18a minn dak fil-kaxxa 11a)	19a	

(20) Ikkopja l-oġħla ammont mill-kaxxa 19 jew 19a	20	
(21) Taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli (ammont f'kaxxa 20 multiplikat b' 0.20)	21	

Krediti tat-Taxxa

(22) Ħlas ta' Taxxa Proviżorja għall-1999		22
(23) Taxxa mħallsa fuq Qligħ Kapitali		23
(24) Taxxa miżmuma fuq Dividendi lokali	(dikjarati bħala dħul fil-kaxxa 3 u 3a)	24
(25) Taxxa miżmuma fuq Imgħax lokali	(dikjarati bħala dħul fil-kaxxa 4 u 4a)	25
(26) Meisien minn Taxxa Doppja		26
(27) Krediti oħra ta' Taxxa		27
(28) Totali tal-Krediti ta' Taxxa		28

Taxxa Mħallsa Nieqsa jew Żejda

(29) **Taxxa Nieqsa** Jekk l-ammont fil-kaxxa 21 huwa oġħla minn dak fil-kaxxa 28, nizzel id-differenza fil-kaxxa 29	29	
(30) **Taxxa Żejda** Jekk l-ammont fil-kaxxa 28 huwa oġħla minn dak fil-kaxxa 21, nizzel id-differenza fil-kaxxa 30	30	

L-ammont fil-kaxxa 29 irid jithallas sa mhux aktar mit-30 ta' Ġunju. 2000. Jekk jithallas wara dik id-data jiġi impost imgħax ta 1% fix-xahar. Ehmeż iċ-ċekk flimkien mal-formola dwar il-ħlas u xi dokumenti oħra ma' dan il-prospett.

IT-TIELET SKEDA

TR
TA37

Taxxi Interni - Malta

Formola tat-Taxxa fuq l-*Income* u *Self Assessment*

f'isem korp ta' persuni

għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1999 (Sena ta' stima 2000)

Imla biss jekk id-dettalji stampati mhumiex korretti

Nru. ta' l-ID/Riferenza

Nru. tal-Vat

Isem

Numru/Isem tad-Dar

Triq

Belt/Raħal

Kodiċi Postali

Pajjiż

1. Inti hawn mitlub taghti fuq din il-formola dikjarazzjoni vera u korretta ta' l-*income* u l-qligħ kapitali tal-korp ta' persuni imsemmi hawn fuq u tinkludi *self assessment* għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999. Dan il-prospett għandu jimtela u jintbagħat b'mod li jasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sat-30 ta' Ġunju, 2000.
2. Dan il-prospett ma japplikax f'każ ta' entità [artikolu 30 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*income* (Kap. 123)] jew kumpannija, korp magħqud stabbilit b'liġi, jew impriża kummerċjali mħaddma minn entità.
3. Għandu jiġi nkluż l-*income* u qligħ kapitali kollu ta' korp ta' persuni residenti li jkun dovut jew derivat minn Malta jew band'oħra, u sew jekk wasal Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.
4. Għandu jiġi nkluż l-*income* kollu ta' korp ta' persuni mhux residenti li jkun dovut jew derivat minn Malta u sew jekk wasal Malta jew le, matul is-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru, 1999.
5. Għandhom jinagħtaw id-dettalji kollha ta' l-*income* u l-qligħ kapitali dikjarati u ta' l-espejjeż imnaqqsa. Ehmez kopja tal-*financial statements*.
6. Din il-formola, mimlija kif suppost u ffirmata, flimkien mad-dokumenti rilevanti kollha u taxxa mħallsa nieqsa għas-sena bażi 1999, jiġu meqjusin li huma l-prospett u *self assessment* li inti mitlub tibgħat għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Kummissarju tat-Taxxi Interni

Dettalji dwar l-Organizzazzjoni

a) Tip ta' korp ta' persuni: Club ☐ Oħrajn ☐ (immarka kif japplika)

b) Dettalji dwar il-persuna responsabbli minn dan il-prospett u l-indirizz ta' fejn huwa eżerċitat il-kontroll, *management* u amministrazzjoni ta' l-imsemmi korp ta' persuni:

Isem (Ittri Kbar)

Indirizz ta' l-uffiċċju

Nru. tat-Telefon Fax

c) L-attività prinċipali eżerċitata minn dan il-korp hi

d) F'każ ta' korp ta' persuni li jmexxi club jew xi organizzazzjoni simili, immarka:

(i) in-numru tal-membri li ħallsu l-*membership fee* għall-1999

(ii) in-numru tal-membri intitolati għall-vot f'laqgħa ġenerali tal-korp

(iii) jekk id-dħul mill-membri kienx 50% jew aktar tad-dħul gross fuq il-kont tad-dħul. Iva ☐ Le ☐

Dikjarazzjoni

Jien, (isem sħiħ) _____ hawn niddikjara li:

a) din il-formola tat-taxxa u *self assessment* hija magħmula f'isem _____

b) din il-formola fiha prospett sħiħ, veru u eżatt tad-dettalji kollha meħtieġa ta' l-*income*, il-qligħ kapitali u t-tnaqqis deduċibbli għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 1999.

Firma tal-persuna li qed tagħmel dan il-prospett _____ Kariga _____ Data _____

Din il-formola tat-taxxa u self assessment għandha tasal fid-Dipartiment tat-Taxxi Interni sat-30 ta' Ġunju, 2000.

Dipartiment tat-Taxxi Interni - Malta

Komputazzjoni tat-Taxxa

1. *Jekk id-dħul mill-membri huwa 50% jew aktar tad-dħul gross fuq il-kont tad-dħul (receipts on revenue account), imla Bażi A biss. Fil-każi l-oħra kollha imla Bażi A u Bażi B.*
2. *Fejn il-korp ta' persuni jkun eżentat mit-taxxa bis-saħħa tal-liġi jew ta' xi Ordni ta' Eżenzjoni maħruġa mill-Ministru tal-Finanzi il-kaxex 1 sa 18 m'għandhomx għalfejn jimtlew. Niżżel "0" fil-kaxxa 19 u imla l-kaxex 20 sa 26, fejn japplika.*

Dħul — Bażi A		Lm
② Dividendi lokali	2	
③ Imgħax lokali	3	
④ Dividendi barranin	4	
⑤ Imgħax barrani	5	
⑥ Kera, *royalties*, eċċ	6	
⑦ Dħul ieħor minn investimenti	7	
⑧ Qligħ kapitali	8	
⑩ Total tad-Dħul	10	

Dħul — Bażi B		Lm
①a Negozju (inkluż *entrance fees, subscriptions* eċċ.)	1a	
②a Dividendi lokali	2a	
③a Imgħax lokali	3a	
④a Dividendi barranin	4a	
⑤a Imgħax barrani	5a	
⑥a Kera, *royalties*, eċċ	6a	
⑦a Dħul ieħor minn investimenti	7a	
⑧a Qligħ kapitali	8a	
⑨a Dħul ieħor mhux inkluż aktar 'l fuq f'dan il-prospett	9a	
⑩a Total tad-Dħul	10a	

Tnaqqis Deducibbli		
⑫ Tnaqqis mil-Kera: Ċnus	12	
⑬ Tnaqqis ieħor ta' 20% (fuq dħul mill-kera wara l-tnaqqas iċ-ċens)	13	
⑭ Imgħax pagabbli fuq kapital użat biex takkwista d-dħul	14	
⑮ Tnaqqis deduċibbli ieħor kontra d-dħul mill-investimenti	15	
⑯ Total tat-Tnaqqis Deduċibbli	16	
⑰ Total tad-Dħul Taxxabbli	17	

Tnaqqis Deducibbli		
⑪a Tnaqqis (l-ikunu servew kollha u biss fl-produzzjoni tad-dħul dikjarat fil-kaxxa aktar 'l fuq)	11a	
⑫a Tnaqqis mil-Kera: Ċnus	12a	
⑬a Tnaqqis ieħor ta' 20% (fuq dħul mill-kera wara l-tnaqqas iċ-ċens)	13a	
⑭a Imgħax pagabbli fuq kapital użat biex takkwista d-dħul	14a	
⑮a Tnaqqis deduċibbli ieħor kontra d-dħul mill-investimenti	15a	
⑯a Total tat-Tnaqqis Deduċibbli	16a	
⑰a Total tad-Dħul Taxxabbli	17a	

⑱ Ikkopja l-oġħla ammont mill-kaxxa 17 jew 17a	18	
⑲ Taxxa fuq id-Dħul Taxxabbli skond l-artiklu 56(1)(d) - massimu ta' 30ċ fil-lira	19	

Krediti tat-Taxxa

⑳ Ħlas ta' taxxa proviżorja għall-1999		20
㉑ Taxxa Mħallsa fuq Qligħ Kapitali		21
㉒ Taxxa miżmuma fuq dividendi lokali (ma jistgħux jitnaqqsu jekk il-korp ta' persuni jkun eżenti mit-taxxa)		22
㉓ Taxxa miżmuma fuq imgħax lokali (dikjarati bħala dħul fil-kaxxa 3 u 3a)		23
㉔ Ħelsien minn Taxxa Doppja		24
㉕ Krediti Oħra ta' Taxxa		25
㉖ Total tal-Krediti tat-Taxxa		26

Taxxa Mħallsa Nieqsa jew Żejda

㉗ **Taxxa Nieqsa** Jekk l-ammont fil-kaxxa 19 hu oġħla minn dak fil-kaxxa 26, niżżel id-differenza fil-kaxxa 27	27	
㉘ **Taxxa Żejda** Jekk l-ammont fil-kaxxa 26 hu oġħla minn dak fil-kaxxa 19, niżżel id-differenza fil-kaxxa 28	28	

L-ammont fil-kaxxa 27 irid jitħallas sa mhux aktar mit-30 ta' Ġunju, 2000. Jekk jitħallas wara dik id-data jiġi impost imgħax ta 1% fix-xahar. Ehmeż iċ-ċekk flimkien mal-formola dwar il-ħlas u xi dokumenti oħra ma' dan il-prospett.